**Fit-tieni jum tas-sena**

X'ħin għaddiet il-frattarija
Tal-ewwel jum tas-sena,
U lkoll bdejna niġu f'tagħna
Nafu: m'aħniex il-ġenna.

Hawn jien fil-paci bil-qiegħdha
Fuq bank quddiem il-baħar,
Tgħidlix b'liema lsien jitħaddtu
Basta jfendi w jiftaħar.

Nistenna bil-ħerqa kollha
Il-magħruf appuntament,
Li għallimni u saħħaħni
Fil-misteru tal-mument.

O preżenza kbira w ħelwa
Li timlini bil-kuraġġ,
Jista' qatt li s-Sema twarrbek
Int li timla' bil-vultaġġ?

Ta' dik l-imħabba hekk safja
Li tilma ma' kullimkien?
Int li ħlewwietek imnebbħa
Minn dak Kristu li hu s-sliem?

Iddi xemx mingħajr ma tiżreġ
Dawwal b'dawlek kull rokna,
Ta' kull ħlejqa wisq maħbuba
Mulej għoġbok tonsobna.

Sakemm qbattna fix-xbiek tiegħek
U minn hemm ma noħorġux,
Wara ħadd m'hu ħa niġġennu
U għajr ismek ma nlissnux.

Sabiħa l-għanja tal-għanjiet
Ċedru tassew mis-sema,
Rigal ħadrani mingħandek
Fit-tieni jum tas-sena.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Jannar 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.